# INWAĦĦDU L-ISTORJA U L-KUXJENZA AMBJENTALI

# FIL-MUŻEW MARITTIMU TA' MALTA

**Stqarrija | 21 ta' Mejju 2024**

Heritage Malta nediet materjal edukattiv ġdid bħala parti minn wirja li għaddejja bħalissa fil-Mużew Marittimu ta' Malta, liema materjal hu mmirat biex iżid l-għarfien dwar ir-rwol kruċjali tal-oċeani fil-preservazzjoni tal-wirt kulturali.

L-avventura għadha kemm saret aktar interessanti għal viżitaturi żgħar fl-aktar wirja riċenti ta' Heritage Malta, 'An Island at the Crossroads', miftuħa bħalissa fil-Mużew Marittimu ta' Malta fil-Birgu. Ktieb ta' gwida u worksheet b'eżerċizzji interattivi issa se jgħinu lil esploraturi ċkejknin jinvolvu ruħhom aktar u b'hekk jifhmu l-wirja aħjar, filwaqt li jrawmu kuxjenza fihom infushom u jispiraw azzjoni dwar waħda mill-akbar sfidi li qed taffaċċja l-umanità bħalissa – il-ħarsien tal-ibħra u l-oċeani.

Il-materjal didattiku jesplora kwistjonijiet kruċjali bħal materjal tas-sajd abbandunat fil-baħar, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, il-livelli jogħlew tal-baħar, u l-irwol tal-oċean bħala reċipjent tal-karbonju. Il-viżitaturi żgħar issa għandhom l-opportunità li jitgħallmu aktar dwar dawn is-suġġetti maġenb is-sezzjoni fil-wirja ddedikata lill-oċeani nodfa, u b'hekk jifhmu b'mod aktar ħolistiku l-isfidi quddiemna.

Dawn ir-riżorsi ġew magħmula permezz ta' ħidma flimkien bejn id-dipartimenti tal-Pubblikazzjonijiet, Komunikazzjoni, Edukazzjoni, u Disinn ta' Heritage Malta. Ir-riżorsi jiffurmaw parti minn numru ta' inizjattivi marbuta mal-inizjattiva bilaterali 'Clean Oceans', kollaborazzjoni bejn Heritage Malta u l-Mużew Marittimu Stavanger – MUST tan-Norveġja.

Matul dawn l-aħħar sentejn, dawn iż-żewġ istituzzjonijiet użaw teknoloġija avvanzata biex jiddiġitizzaw u jirreġistraw kemm il-wirt kulturali marittimu tanġibbli kif ukoll dak intanġibbli, proċess li sar dejjem aktar urġenti minħabba t-theddid li qed jiżdied u li hu kkawżat mill-attività tal-bniedem.

F'kumment waqt it-tnedija, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, Noel Zammit, saħaq li, "Din l-inizjattiva timmarka pass sinifikanti 'l quddiem fl-isforzi kontinwi tagħna biex nindirizzaw id-distakk bejn il-wirt marittimu u l-konservazzjoni ambjentali. Billi nenfasizzaw ir-rabta diretta bejn oċeani nodfa u legati kulturali, nimmiraw li nispiraw lill-viżitaturi, speċjalment dawk żgħar, biex jieħdu azzjoni fil-ħarsien tal-ekosistemi tal-baħar tagħna."

Vanessa Ciantar, Assistant Manager tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u Outreach fi ħdan l-aġenzija, ikkummentat dwar kif dawn l-għodod iservu ta' pont bejnl-imgħoddi u l-preżent, u jistgħu jgħinu biex il-wirjiet ikunu aktar effettivi biex jixprunaw progress. Hija ħabbret ukoll programm edukattiv li ġej dalwaqt, immirat għal student tat-Tmien u d-Disa' Sena.

Skedat minn Ottubru sa Diċembru, il-programm se jenfasizza l-importanza tal-konservazzjoni tal-oċeani. L-istudenti se jesperjenzaw ukoll 'Dive into History 360', attività ta' realtà virtwali offruta mit-Taqsima tal-Wirt Kulturali ta' Taħt il-Baħar ta' Heritage Malta.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta